IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2014
COM(2014) 224 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rapport tal-2013 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

{SWD(2014) 141 final}
{SWD(2014) 142 final}

1. INTRODUZZJONI

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) hija indirizzata, l-ewwel u qabel kollox, lill-istituzzjonijiet tal-UE. Din tikkomplementa s-sistemi nazzjonali u ma tissostitwixxihomx. L-Istati Membri huma suġġetti għas-sistemi kostituzzjonali tagħhom stess u għad-drittijiet fundamentali stipulati fihom. L-Istati Membri għandhom biss jikkunsidraw il-Karta meta l-miżuri nazzjonali tagħhom jimplimentaw il-liġi tal-UE, kif stipulat fl-Artikolu 51 tal-Karta.

Dan ir-rapport jenfasizza r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti) fl-implimentazzjoni tal-Karta, speċjalment fir-rigward tal-aktar żvilupp riċenti ta' każistika tagħha dwar l-applikabilità tal-Karta fl-Istati Membri.

Ir-rapport jagħti wkoll rendikont ta' kif l-istituzzjonijiet tal-UE rrispettaw u ppromovew id-drittijiet fundamentali, taħt l-iskrutinju tal-Qorti, fl-inizjattivi kollha tagħhom, inkluż l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u politiki ġodda, u azzjonijiet ta' infurzar.

Fl-aħħar nett, ir-rapport jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u lejn il-progress li sar dwar l-adeżjoni tal-UE ma' dan l-istrument.

Informazzjoni dettaljata dwar l-applikazzjoni tal-Karta, li turi problemi konkreti li jaffaċċaw l-individwi, hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal anness ma' dan ir-Rapport (l-Anness 1). Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2010-2015 għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huwa ppreżentat f'anness separat (l-Anness 2).

2. L-APPLIKABILITÀ TAL-KARTA GĦALL-ISTATI MEMBRI

L-imħallfin nazzjonali qed isiru dejjem iżjed konxji tal-impatt tal-Karta, u qegħdin ifittxu għajnuna mill-Qorti[1] dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha skont il-proċedura tad-deċiżjonijiet preliminari[2].

Biex jiġi determinat jekk sitwazzjoni taqax fl-ambitu tal-Karta, kif definit fl-Artikolu 51 tagħha, il-Qorti teżamina, b'mod partikolari, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti hijiex maħsuba biex timplimenta dispożizzjoni tal-liġi tal-UE, in-natura tal-leġiżlazzjoni, jekk issegwix objettivi differenti minn dawk koperti mil-liġi tal-UE, kif ukoll jekk hemmx regoli speċifiċi tal-liġi tal-UE dwar il-kwistjoni jew li jistgħu jaffettwawha[3].

Tliet kawżi riċenti huma eżempji tajba ta' sitwazzjonijiet fejn il-Qorti sostniet li l-Istati Membri **ma kinux jimplimentaw il-liġi tal-UE**, u għalhekk fejn il-Karta ma tapplikax.

L-ewwel nett, fi *Pringle*[4], il-Qorti sostniet li meta l-Istati Membri kienu qed jistabbilixxu mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tal-kriżijiet permanenti għall-pajjiżi taż-żona tal-euro, ma kinux qed jimplimentaw il-liġi tal-UE. It-Trattati ma jagħtu l-ebda kompetenza speċifika dwar l-UE biex twaqqaf tali mekkaniżmu. Konsegwentement,

---

1 Għal ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet għal deċiżjonijiet preliminari ppreżentati lill-Qorti fl-2013 li jirreferu għall-Karta, ara l-appendiċi II..

2 Ara l-Artikolu 267 TFUE.

3 QĠUE, C-309/96 *Annibaldi* 18.12.1997, §§ 21 sa 23, u C-40/11 *Iida*, 8.11.2012, § 79.

4 QĠUE, C-370/12, *Thomas Pringle*, 27.11.2012.

l-Istati Membri ma kinux qed jimplimentaw il-liġi tal-UE fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 51, u l-Karta ma kinitx tapplika.

It-tieni nett, fi *Fierro u Marmorale*[5], il-Qorti eżaminat il-leġiżlazzjoni Taljana li titlob li att ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli jiġi annullat jekk il-proprjetà immobbli tkun ġiet modifikata mingħajr kunsiderazzjoni tal-liġijiet tal-ippjanar tal-ibliet. Annullament awtomatiku bħal dan ifixkel l-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17[6]). Il-Qorti ddikjarat il-kawża inammissibbli għaliex ma kien hemm l-ebda konnessjoni bejn il-liġijiet nazzjonali dwar l-ippjanar tal-ibliet u l-liġi tal-UE.

It-tielet nett, f'*Cholakova*[7], il-Qorti eżaminat sitwazzjoni fejn il-pulizija Bulgara kienet arrestat lis-Sinjura Cholakova għax kienet irrifjutat li tippreżenta l-karta tal-identità tagħha matul kontroll tal-pulizija. Il-Qorti ddeċidiet li, peress li s-Sinjura Cholakova ma kinitx uriet intenzjoni li tħalli t-territorju Bulgaru, il-kawża kienet ta' natura purament nazzjonali. Il-Qorti sostniet li ma kinitx kompetenti li tittratta l-kawża u ddikjarata inammissibbli.

Bħalissa hemm tliet sitwazzjonijiet li fihom huwa **ċar li sseħħ l-applikazzjoni tal-Karta**.

L-ewwel nett, "jimplimentaw il-liġi tal-UE" tkopri **l-attività leġiżlattiva u l-prattiki ġudizzjarji u amministrattivi ta' Stat Membru meta jitwettqu l-obbligi skont il-liġi tal-UE**. Dan huwa l-każ, pereżempju, meta l-Istati Membri jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva għall-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi jgawdu mil-liġi tal-UE, kif huma obbligati jagħmlu skont l-Artikolu 19 (1) TUE. Id-Direttiva tal-Moviment Liberu[8] tippermetti lill-Istati Membri jirrestringu l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Il-Qorti ddeċidiet fil-kawża *ZZ* li l-bażi għal tali rifjut għandha tiġi żvelata lill-persuna kkonċernata.[9] F'dan il-każ, ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tiċħad id-dħul fir-Renju Unit ma ġietx żvelata għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali. Il-Qorti kkonfermat li persuna għandha d-dritt li tiġi informata dwar il-bażi għal deċiżjoni li jiġi rrifjutat id-dħul, peress li l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali ma tistax tiċħad id-dritt għal seduta xierqa, li jagħmel id-dritt għal rimedju ineffettiv (l-Artikolu 47).

It-tieni nett, il-Qorti stabbiliet li l-Karta tapplika **meta awtorità ta' Stat Membru teżerċita diskrezzjoni li tingħata lilha bis-saħħa tal-liġi tal-UE**. F'*Kaveh Puid*[10] il-Qorti kkonfermat il-ġurisprudenza[11] stabbilita minn qabel u ddikjarat li Stat Membru ma għandux jagħmel trasferiment ta' persuna li qed tfittex l-ażil lejn l-Istat Membru inizjalment identifikat bħala responsabbli jekk ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen li l-applikant se jkun qed jaffaċċa riskju reali li jkun soġġett għal trattament inuman jew degradanti, bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta.

Fl-aħħar nett, il-miżuri nazzjonali marbutin mal-ħruġ ta' fondi tal-UE taħt ġestjoni konġunta jistgħu jikkostitwixxu l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE. Fi *Blanka Soukupová*[12], il-Qorti sostniet li fl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-

---

5 QĠUE, C-106/13, *Francesco Fierro u Fabiana Marmorale vs Edoardo Ronchi u Cosimo Scocozza*, 30.5.2013.

6 L-artikoli sussegwenti msemmija fil-parentesi huma artikoli tal-Karta.

7 QĠUE, C-14/13, *Gena Ivanova Cholakova*, 6.6.2013.

8 Id-Direttiva 2004/38/KE, ĠU 2004 L 158, p. 77.

9 QĠUE, C-300/11, *ZZ vs Secretary of State for the Home Department*, 4.6.2013.

10 QĠUE, C-4/11 *Bundesrepublik Deutschland v Kaveh Puid*, 14.11.2013.

11 QĠUE, kawżi konġunti C-411/10 u C-493/10, *NS vs Secretary of State for the Home Department*, 21.12. 2011.

12 QĠUE, C-401/11 *Blanka Soukupová*, 11.04.2013.

Kunsill 1257/1999 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanziji, l-Istati Membri huma meħtieġa li jirrispettaw il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni, minquxa fl-Artikoli 20, 21(1) u 23 tal-Karta. Meta jipprovdu appoġġ għall-irtirar bikri għal bdiewa anzjani, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, u li jipprojbixxu kull tip ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.

Sentenza li kienet suġġett ta' ħafna dibattiti fl-2013 dwar **l-applikabilità tal-Karta** kienet **is-sentenza *Åkerberg Fransson***[13]. Din is-sentenza hija pass importanti fil-proċess kurrenti biex tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta.

Il-Qorti ntalbet tiċċara jekk kawżi ta' liġi nazzjonali li jilħqu l-objettivi stabbiliti fil-liġi tal-UE jammontawx ukoll għal sitwazzjonijiet fejn il-liġi tal-UE qed tiġi "implimentata" fit-tifsira tal-Artikolu 51 tal-Karta. Il-kawża kienet riferuta lill-Qorti għal deċiżjoni preliminari minn Qorti Distrettwali fl-Isvezja, li kienet inċerta jekk proċedimenti kriminali għall-evażjoni tat-taxxa fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT jistgħux jittieħdu kontra akkużat jekk tkun diġà ġiet imposta piena fiskali amministrattiva fuqu għall-istess att li jipprovdi informazzjoni falza. Proċedimenti bħal dawn kellhom jiġu eżaminati fir-rigward tal-prinċipju *ne bis in idem* (il-prinċipju li persuna m'għandhiex tiġi kkastigata darbtejn għall-istess reat), stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta, għalkemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali sottostanti għal dawn il-pieni amministrattivi u proċedimenti kriminali ma kinitx għadha ġiet adottata biex tittrasponi l-liġi tal-UE.

Il-Qorti enfasizzat il-fatt li skont il-liġi tal-UE, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw il-ġbir tal-VAT dovut kollu, sabiex jiġġieldu l-attivitajiet illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, u biex jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE filwaqt li jikkumbattu l-frodi li jaffettwaw l-interessi tagħhom stess.[14]

Ir-riżorsi tal-UE stess jinkludu dħul mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażijiet ta' valutazzjoni tal-VAT armonizzata determinata skont ir-regoli tal-UE. Għalhekk hemm rabta diretta bejn il-ġbir tad-dħul tal-VAT skont il-liġi rilevanti tal-UE, u d-disponibbiltà għall-baġit tal-UE tar-riżorsi tal-VAT korrispondenti. Kwalunkwe lakuna fil-ġbir tad-dħul tal-VAT fuq livell nazzjonali potenzjalment tagħmel impatt fuq il-baġit tal-UE. Il-Qorti sostniet li, *"[p]eress li d-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta għandhom (...) jiġu rrispettati meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma jistax ikun hemm każ li jkun għalhekk jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni mingħajr ma jkunu applikabbli l-imsemmija drittijiet fundamentali. L-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni timplika l-applikabbiltà tad-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta"*[15]. Skont il-Qorti, il-liġi nazzjonali f'dan il-kuntest kienet *"tissanzjona ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva li hija intiża sabiex timplementa l-obbligu impost mit-Trattat fuq l-Istati Membri li jissanzjonaw b'mod effettiv l-aġir li jikkawża ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni."*[16]

Fir-rigward tar-riżultat tal-kawża, il-Qorti osservat li l-prinċipju li jwaqqaf persuna milli tiġi kkastigata darbtejn għall-istess reat ma għandux jipprekludi Stat Membru milli jimponi, għall-istess atti, kombinazzjoni ta' pieni fiskali u pieni kriminali, sakemm il-ppiena fiskali ma tkunx ta' natura kriminali.

---

13 QĠUE, C-617/10, *Åklagaren vs Hans Åkerberg Fransson*, 26.2.2013.

14 Ibid., § 26.

15 Ibid., § 21.

16 Ibid., § 28.

3. AZZJONIJIET BIEX JIPPROMWOVU L-IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA TAL-KARTA

Id-drittijiet fundamentali huma promossi permezz tal-politiki kollha tal-UE. Fejn l-UE għandha l-kompetenza li tieħu azzjoni, il-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE li tagħti effett konkret lid-drittijiet u l-prinċipji minquxa fil-Karta. Il-Kummissjoni tieħu wkoll miżuri attivi biex tippromwovi l-Karta u tinforza r-rispett tal-liġi tal-UE permezz ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri.

Ir-rispett tal-Karta mill-istituzzjonijiet infushom jiġi skrutinizzat mill-Qorti, li tiċċekkja l-konformità tal-atti tal-UE mal-Karta.

3.1. Il-Leġiżlazzjoni tal-UE

Il-Kummissjoni tiżgura u tikkontrolla bir-reqqa li l-**proposti leġiżlattivi** kollha jirrispettaw u jippromovu d-drittijiet fundamentali. Hija ssegwi dan l-approċċ matul il-proċess leġiżlattiv, mill-proposta nnifisha, sad-diskussjoni tagħha matul in-negozjati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-adozzjoni finali tagħha.

3.1.1. Proposti leġiżlattivi

Fil-qasam tal-liġi kriminali, **il-Kummissjoni pproponiet ħames miżuri legali biex tippromwovi aktar l-Aġenda dwar id-Drittijiet Proċedurali** u ssaħħaħ il-pedament għal politika dwar il-ġustizzja kriminali Ewropea. Dawn il-miżuri jinkludu tliet proposti għal Direttivi dwar:

- it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess matul il-proċedimenti kriminali (l-Artikoli 48 u 47);
- salvagwardji speċjali għal tfal suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali (l-Artikoli 24 u 49);
- għajnuna ġuridika provviżorja lill-persuni suspettati jew persuni akkużati ta' reati li jkunu ġew imċaħħda libertà u għajnuna ġuridika fi proċedimenti dwar il-mandat ta' arrest Ewropew (l-Artikolu 47(3)).

Il-miżuri jinkludu wkoll żewġ Rakkomandazzjonijiet, dwar salvagwardji proċedurali għal persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u dwar id-dritt għal għajnuna ġuridika għal persuni suspettati jew persuni akkużati b'reat matul proċedimenti kriminali (l-Artikolu 47)[17].

Il-ħtieġa għal miżuri tal-liġi kriminali li jkunu msejsa fuq standards sodi fl-UE kollha għad-drittijiet proċedurali u d-drittijiet tal-vittmi, b'konformità mal-Karta, hija ċentrali biex jissaħħaħ il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li fuqu hija msejsa l-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Il-Kummissjoni żgurat ukoll protezzjoni effettiva għal privileġġ ġuridiku professjonali fi ħdan il-leġiżlazzjoni dwar il-ħasil tal-flus tal-UE. Id-**Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus** proposta ta' Frar 2013 timponi obbligu li jiġu rrappurtati suspetti ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu lill-awtoritajiet f'għadd ta' attivitajiet professjonali. Madankollu, meta wieħed iqis l-importanza kruċjali tad-dritt għad-difiża (l-Artikolu 48), id-Direttiva proposta teħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx dan l-obbligu lil avukati taħt ċerti ċirkostanzi, pereżempju fir-rigward ta' informazzjoni rċevuta matul li tkun qiegħda tiġi aċċertata l-pożizzjoni ġuridika ta' klijent.[18]

---

17 COM(2013) 821, 822 u 824, 27.11.2013, u COM(2013) 8178 u 8179, 27.11.2013.

18 QĠUE, C-305/05 *Ordre des barreaux francophones et germanophone*, 26.6.2007.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni żgurat mezz ta' rimedju għal **ħaddiema meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu fl-UE**. Din il-proposta leġiżlattiva[19] għandha l-għan, *inter alia*, li tintroduċi obbligu ġuridiku għall-Istati Membri biex jipprovdu ħaddiema mobbli tal-UE b'mezzi xierqa ta' rimedju fuq livell nazzjonali (l-Artikolu 47).

F'Settembru 2013, il-Kummissjoni pproponiet Regolament dwar indiċijiet użati bħala **punti ta' riferiment fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji**.[20] B'hekk kellha l-għan li tissuġġetta punti ta' riferiment, ipprovduti minn parteċipanti tas-suq fis-settur finanzjarju, għal standards aktar ċari u superviżjoni. Hija ħasbet biex tagħti lill-awtoritajiet kompetenti setgħat ta' kontroll u ta' infurzar, inkluż l-aċċess għal trasferimenti tad-dejta wara li ssir talba. Il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tal-proposta dwar ċerti drittijiet protetti mill-Karta: il-protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8), id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni (l-Artikolu 11) u l-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16).

Fil-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi regoli għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-baħar esterni fil-kuntest ta' kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Frontex[21], adottata f'April 2013, il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe miżuri li jittieħdu matul operazzjonijiet ta' sorveljanza kkoordinati mill-Frontex għandhom ikunu b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' *non-refoulement*, li jfisser li l-ebda refuġjat ma għandu jiġi rritornat lejn kwalunkwe pajjiż fejn ikun probabbli li hu jew hi jaffaċċaw il-piena tal-mewt, tortura jew pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti (l-Artikolu 19(2)). Qabel l-iżbark f'pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom jikkonsidraw is-sitwazzjoni ġenerali f'dak il-pajjiż biex jiġi żgurat li ma jkunx involut fi prattiċi bi ksur tal-prinċipju ta' *non-refoulement*, il-persuni interċettati jew salvati jridu jiġu identifikati, u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom għandhom jiġu vvalutati.

3.1.2. Negozjati interistituzzjonali b'aspetti dwar id-drittijiet fundamentali importanti

L-2013 kienet sena importanti għad-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali. Fid-dawl tar-rivelazzjonijiet ta' din is-sena dwar programmi ta' sorveljanza globali li potenzjalment jagħmlu monitoraġġ tal-komunikazzjoni kollha taċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet tal-UE kienu meħtieġa jagħmlu progress fuq in-negozjati tagħhom dwar standard ġdid ta' protezzjoni tad-dejta.[22] F'Ottubru 2013, il-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni.[23] L-għan tar-riforma huwa li l-individwi jitqiegħdu lura fil-kontroll tad-dejta tagħhom billi jiġu aġġornati d-drittijiet tagħhom (l-Artikolu 8). Il-kunsens espliċitu, id-dritt li wieħed ikun minsi, id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta u d-dritt li wieħed jiġi informat dwar ksur tad-dejta personali huma elementi ewlenin. Dawn se jgħinu biex titnaqqas il-firda li qed tikber bejn iċ-ċittadini u l-kumpaniji ma' min jaqsmu d-dejta, kemm jekk dawn huma lesti li jikkooperaw u kemm jekk le.

Sabiex tippromwovi l-libertà tal-intrapriża, imnaqqxa fl-Artikolu 16 tal-Karta, il-Kummissjoni għamlet proposta fl-2012 sabiex jiġu mmodernizzati r-regoli dwar l-**insolvenza transfruntiera**.[24] Matul in-negozjati, li għamlu progress reali fl-2013, l-

---

19 COM(2013) 236 finali, 26.4.2013.
20 COM(2013) 641 finali, 18.09.2013.
21 COM(2013) 197 final, 12.04.2013.
22 COM(2012) 11 final, 25.01.2012 u COM(2012) 10 final, 25.01.2012.
23 Il-Parlament Ewropew, id-Dokument nru A7-0403/2013.
24 COM(2012) 744 final, 12.12.2012.

impatt ta' din il-proposta fuq id-drittijiet tal-krediturі minoritarji għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47) u fuq il-proprjetà (l-Artikolu 17) ġie kkunsidrat bir-reqqa.

3.1.3. L-implimentazzjoni tal-Karta permezz ta' miżuri adottati mil-leġiżlattiv tal-UE u mill-Kummissjoni

Fil-qasam tad-drittijiet proċedurali, ġiet adottata **d-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat** u d-dritt li wieħed ikollu parti terza infurmata maċ-ċaħda tal-libertà[25]. Ma' din il-leġiżlazzjoni kruċjali, il-persuni suspettati kollha jkunu garantiti d-dritt li jkunu assistiti minn avukat mill-istadji l-aktar bikrin tal-proċedimenti sal-konklużjoni tagħhom (l-Artikoli 47 u 48).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-**Regolament ta' Dublin** riformulat[26] li jiggarantixxi rimedju effettiv għall-applikanti dwar appelli kontra deċiżjonijiet ta' trasferiment, biex b'hekk jiġi żgurat effett sħiħ tad-dritt ta' persuna li qed tfittex l-ażil biex tibqa' fit-territorju u jitnaqqas ir-riskju ta' "katina ta' *refoulements*" (l-Artikolu 19(2)). Huwa jinkorpora wkoll il-każistika tal-Qorti li tistipula li persuna li qed tfittex l-ażil ma tintbagħatx lejn Stat Membru fejn hemm riskju serju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. F'każ bħal dan, Stat Membru ieħor jassumi r-responsabbiltà mingħajr dewmien, sabiex ma jkunx ipperikolat l-aċċess rapidu għall-ġustizzja minn min qed ifittex l-ażil.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ukoll id-**Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil**[27] **u d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza**[28]. L-ewwel waħda ssaħħaħ il-garanziji li jissalvagwardjaw id-dritt fundamentali għall-ażil, b'mod partikolari, billi ssaħħaħ id-dritt ta' aċċess għal proċeduri tal-ażil (l-Artikoli 18 u 19), filwaqt li l-aħħar waħda tinkludi standards imtejba u aktar ċari biex jiġu salvagwardjati aktar effettivament id-dritt fundamentali għad-dinjità, speċjalment fir-rigward ta' dawk li jfittxu l-ażil vulnerabbli u tkompli tarmonizza r-regoli dwar id-detenzjoni, billi tistabbilixxi raġunijiet ċari u restrittivi, kundizzjonijiet għad-detenzjoni, u garanziji għal detenuti (l-Artikoli 1, 4, 6, 7, 18, 21, 24, u 47).

Fir-rigward tad-**drittijiet tal-vittmi, Regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili**[29] jistabbilixxi mekkaniżmu sempliċi u rapidu biex jiġu rikonoxxuti miżuri ta' protezzjoni ordnati fi Stat Membru fi kwistjonijiet ċivili. Nies imħarsa minn tali miżuri (l-aktar nisa li jkollhom ordnijiet ta' trażżin kontra xi ħadd) jistgħu għalhekk ikunu assigurati li l-ordni miksuba f'pajjiżhom se jkollha l-istess valur ikunu fejn ikunu fl-UE.

L-**elezzjonijiet Ewropej** tal-2014 se jkunu l-ewwel elezzjonijiet skont it-Trattat ta' Lisbona, li saħħaħ is-setgħat tal-Parlament Ewropew. Fir-rakkomandazzjoni tagħha ta' Marzu 2013[30], il-Kummissjoni stiednet lill-partiti politiċi biex japprovaw kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, u biex juru l-affiljazzjoni tagħhom ma' partit Ewropew. Ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tippromwovi d-dritt għall-vot, minqux fl-Artikolu 39 tal-Karta, billi tavża l-votanti dwar il-kwistjonijiet involuti f'dawn l-elezzjonijiet, tinkoraġġixxi dibattitu mifrux mal-Ewropa kollha, u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb l-ammont ta' votanti.

---

25 Id-Direttiva 2013/48/UE, ĠU L 294.
26 Ir-Regolament 604/2013/, ĠU L 180, p. 31.
27 Id-Direttiva 2013/32/UE, ĠU L 180.
28 Id-Direttiva 2013/33/UE, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96.
29 Ir-Regolament 606/2013, ĠU L 181.
30 Ir-Rakkomandazzjoni 2013/142/UE, ĠU L 79, p. 29.

3.2. Miżuri li jippromwovu d-drittijiet fundamentali

Kumpaniji kbar madwar l-UE jkomplu jkunu fil-biċċa l-kbira mmexxija minn irġiel. Sabiex tintlaħaq ugwaljanza sostanzjali bejn in-nisa u l-irġiel f'bordijiet korporattivi, skont l-Artikolu 23 tal-Karta, il-Kummissjoni s-sena l-oħra pproponiet Direttiva biex ittejjeb il-bilanċ bejn is-sessi ta' diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-Boroż[31]. Il-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjoni tiegħu dwar id-Direttiva proposta[32] fl-ewwel qari, f'Novembru 2013, filwaqt li kkonferma kunsens wiesa' dwar ir-rappreżentanza tan-nisa li qed tiżdied fuq bordijiet korporattivi u fil-biċċa l-kbira japprova l-approċċ tal-Kummissjoni biex jitranġa l-iżbilanċ attwali.

Qasam ieħor fejn l-UE tkompli ssaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet ta' ugwaljanza u tippromwovi l-adozzjoni ta' miżuri pożittivi huwa dak tal-**integrazzjoni tar-Rom**. Progress kbir inkiseb fl-2013 dwar approċċ mifrux mal-UE kollha biex jindirizza l-esklużjoni tar-Rom. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill[33] ġiet adottata b'mod unanimu f'Diċembru 2013. L-Istati Membri impenjaw ruħhom biex itejbu l-integrazzjoni ekonomika u soċjali tal-komunitajiet tar-Rom. Matul il-proċess, ir-Rom infushom ġew inklużi f'diskussjonijiet fuq l-ogħla livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

3.3. Azzjoni ta' infurzar tal-UE

Il-Kummissjoni eżerċitat ir-rwol tagħha bħala gwardjana tat-Trattati u ħadet passi biex tiżgura li l-Istati Membri jinfurzaw leġiżlazzjoni tal-UE li tagħti effett konkret lill-Karta.

Wara analiżi tal-implimentazzjoni nazzjonali tal-**Kodiċi dwar il-Viżi**[34] dwar id-dritt għal appell kontra ċaħda/annullament/revoka ta' viża, il-Kummissjoni qajmet għadd ta' mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi u tal-Karta. Hija kkonkludiet li d-dritt għal rimedju effettiv, imnaqqax fl-Artikolu 47 tal-Karta, jitlob li appell kontra ċaħda, annullament jew revoka ta' viża, jinkludi aċċess għal korp ġudizzjarju, bħala l-unika jew l-aħħar istanza ta' appell. Ittri ta' Notifika Formali ntbagħtu lil bosta Stati Membri.

Fl-2012[35] il-Qorti ddeċidiet li tnaqqis radikali f'daqqa tal-età tal-irtirar għall-imħallfin, il-prosekuturi u n-nutara fl-Ungerija ma kienx konformi mad-Direttiva 2000/78, li tiżgura li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni rikonoxxut fl-Artikolu 21 tal-Karta jkun irrispettat bis-sħiħ fil-qasam tal-impjiegi. Wara djalogu mal-Kummissjoni li ħalla r-riżultati, l-Ungerija adottat liġi f'Marzu 2013, li tipprovdi soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet kollha mqajma u timplimenta b'mod xieraq u sħiħ is-sentenza tal-Qorti.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-**protezzjoni tad-dejta**, il-Kummissjoni ssorveljat l-implimentazzjoni tal-Awstrija tad-deċiżjoni tal-2012 tal-Qorti[36] dwar in-nuqqas ta' indipendenza tal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-dejta. L-Awstrija emendat il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta tagħha u żgurat li l-membru tal-awtorità li jamministra l-ġestjoni ta' kuljum tagħha huwa suġġett biss għal superviżjoni mill-

---

31 COM(2012) 614 final, 14.11.2012

32 Il-Parlament Ewropew, id-Dokument nru A7-0340/2013.

33 Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri, 9.12.2013.

34 Ir-Regolament 810/2009, ĠU L 243.

35 QĠUE, C-286/12, *Il-Kummissjoni vs l-Ungerija*, 6.11.2012.

36 QĠUE, C-614/10, *Il-Kummissjoni vs l-Awstrija*, 16.10.2012.

President tagħha, u li l-awtorità ma għadhiex parti mill-Kanċellerija Federali iżda għandha l-baġit u l-persunal tagħha stess.

3.4. Il-kontroll tal-Qorti fuq l-istituzzjonijiet tal-UE

Il-kunsiderazzjoni lejn il-Karta tal-istituzzjonijiet tal-UE huwa skrutinizzat mill-Qorti, li tat diversi sentenzi sabiex tiżgura li l-istituzzjonijiet tal-UE jaġixxu f'konformità mal-Karta. Dawn is-sentenzi rrelataw ukoll ma' kemm il-leġiżlazzjoni u d-deċiżjonijiet tal-UE indirizzati lil individwi jikkonformaw tajjeb mal-Karta.

L-UE tista' toħroġ pieni jew miżuri restrittivi li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuna li jkunu nħarġulha. Fis-sentenza tal-appell *Kadi II*[37], il-Qorti ċċarat ċerti drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati b'assoċjazzjoni ta' terroriżmu, inkluż id-dritt għal amministrazzjoni tajba, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust (l-Artikoli 41 u 47). Il-Qorti **żgurat il-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali filwaqt li rrikonoxxiet il-ħtieġa urġenti li jiġi miġġieled it-terroriżmu internazzjonali.** L-assi tas-Sur Kadi kienu ġew iffriżati mill-Kummissjoni, filwaqt li implimentat deċiżjoni mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, bħala parti minn riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-Qorti ddikjarat li, peress li l-ebda informazzjoni jew evidenza ma kienet ġiet prodotta mill-Kummissjoni biex tissostanzja l-allegazzjonijiet li s-Sur Kadi kien involut f'attivitajiet marbuta mat-terroriżmu internazzjonali (allegazzjonijiet li huwa ċaħad bil-qawwa), dawk l-allegazzjonijiet ma ġġustifikawx l-adozzjoni, fil-livell tal-UE, ta' miżuri restrittivi kontra tiegħu.

L-istituzzjonijiet tal-UE f'għadd ta' każijiet, irrispettivament mill-eżistenza ta' riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, adottaw deċiżjonijiet u regolamenti li jiffriżaw il-fondi ta' persuni u korpi li l-istituzzjonijiet tal-UE identifikaw bħala involuti fi proliferazzjoni nukleari. Xi wħud mill-persuni u l-korpi kkonċernati ressqu rikorsi intiżi li jannullaw dawn id-deċiżjonijiet. F'serje ta' sentenzi[38], il-Qorti Ġenerali annullat azzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE lejn diversi mir-rikorrenti. Hija sabet li l-istituzzjonijiet tal-UE ma kinux ipproduċew biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-miżuri meħuda, u li, f'ċerti każijiet, l-istituzzjonijiet tal-UE kienu kisru l-obbligu li jagħtu raġunijiet u jiżvelaw evidenza.

F'Besselink[39], il-Qorti Ġenerali daħħlet fis-seħħ id-**dritt ta' aċċess għal dokumenti**, minqux fl-Artikolu 42 tal-Karta, u annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kunsill li tirrifjuta aċċess għal dokument dwar l-adeżjoni tal-UE fil-KEDB. Il-Qorti sostniet li l-Kunsill għamel żball ta' evalwazzjoni meta rrifjuta l-aċċess għal waħda mid-direttivi ta' negozjar li kien adottata. Il-pożizzjoni riflessa f'dan id-dokument diġà kienet ġiet ikkomunikata lill-partijiet fin-negozjati. Għalhekk l-iżvelar tagħha ma setax jipperikola l-klima ta' fiduċja bejn il-partijiet fin-negozjati.

Filwaqt li dawn id-deċiżjonijiet ġew indirizzati lil individwi, atti leġiżlattivi tal-UE indirizzati lill-Istati Membri huma wkoll skrutinizzati mill-Qorti.

---

37 QĠUE, C-584/10 P *Il-Kummissjoni u Oħrajn vs Kadi* (Kadi II), Kawża tal-Appell kontra T-85/09 *Kadi vs il-Kummissjoni* (Kadi I), 18.7.2013.

38 Il-Qorti Ġenerali, kawżi konġunti T-35/10 u T-7/11 *Bank Melli Iran*; Il-kawża T-493/10 *Persia International Bank plc*; kawżi konġunti T-4/11 u T-5/11 *Export Development Bank of Iran*; T-12/11 *Iran Insurance Company*; T-13/11 *Post Bank Iran*; T-24/11 *Bank Refah Kargaran*; T-434/11 *Europäisch-Iranische Handelsbank AG*; kawżi konġunti T-42/12 u T-181/12 *Naser Bateni*; T-57/12 *Good Luck Shipping*, u l-kawża T-110/12 *Iranian Offshore Engineering & Construction Co. vs il-Kunsill,* 6.9.2013.

39 Il-Qorti Ġenerali, T-331/11 *Besselink vs il-Kunsill* 12.9.2013.

Il-Qorti għamlet rieżami tal-**kompatibilità tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew**[40] **(MAE) mal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta.** Il-Qorti ġiet mistoqsija jekk Stat Membru jistax jagħmel il-konsenja ta' persuna misjuba ħatja *in absentia* kundizzjonali fuq il-konvinzjoni li tkun miftuħa għal rieżami fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat, sabiex jiġu evitati kwalunkwe effetti ħżiena fuq id-dritt għal proċess ġust u d-drittijiet tad-difiża kif garantiti mill-kostituzzjoni tal-Istat Membru li jikkonsenja l-persuna kkonċernata[41]. Il-Qorti ddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE kienet kompletament kompatibbli mal-Karta. Jekk il-konsenja ta' persuna ssir soġġetta għal kundizzjoni mhux stipulata skont id-Deċiżjoni Qafas dan ixekkel il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u l-għarfien li dik id-deċiżjoni għandha l-għan li ssaħħaħ, u jikkomprometti l-effikaċja tagħha.

4. IR-RWOL TAL-KEDB

Is-sempliċi fatt li l-Karta tapplika biss meta l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-UE ma jfissirx li hemm lakuna fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. Individwi għandhom id-dritt li jirrikorru għal rimedji nazzjonali u, wara li jkunu eżawrewhom, jistgħu jressqu rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, skont il-KEDB, li l-Istati Membri kollha tal-UE huma parti għaliha.

It-Trattat ta' Lisbona impona obbligu fuq l-UE biex taċċedi għall-KEDB. F'April 2013, ġie ffinalizzat l-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB, li huwa pass importanti fil-proċess ta' adeżjoni. Bħala l-pass li jmiss, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti sabiex tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' ftehim.

5. KONKLUŻJONI

Fl-2013 il-Qorti ttrattat għadd kbir ta' kawżi li jikkonċernaw l-applikabilità tal-Karta fuq livell nazzjonali. Dan jenfasizza l-interazzjoni tal-Karta li qed tiżdied ma' sistemi ġuridiċi nazzjonali. F'dan il-kuntest, is-sentenza *Åkerberg Fransson* għandha rwol importanti biex tiġi definita aħjar l-applikazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri mill-imħallfin nazzjonali, għalkemm il-każistika f'dan ir-rigward għadha qed tevolvi u x'aktarx tibqa' tiġi rfinata kontinwament.

Imħallfin nazzjonali huma atturi ewlenin biex jagħtu effett konkret għad-drittijiet u l-libertajiet imnaqqxa fil-Karta, għax huma jiżguraw direttament li l-individwi jiksbu rimedju sħiħ f'każijiet fejn id-drittijiet fundamentali fl-ambitu tal-liġi tal-UE ma jkunux ġew rispettati.

L-istituzzjonijiet tal-UE għamlu sforzi sinifikanti biex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-Karta minħabba li kisbet setgħa vinkolanti legalment bħala liġi primarja tal-UE. Kull impatt fuq id-drittijiet fundamentali jeħtieġ li jitqies b'attenzjoni matul il-proċeduri leġiżlattivi, speċjalment fl-istadju ta' elaborazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' kompromess finali. Impenn interistituzzjonali qawwi hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

Atti ġuridiċi tal-UE jistgħu wkoll jiġu kkontestati quddiem il-Qorti għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali. L-iskrutinju tal-Qorti jestendi wkoll għall-Istati Membri, iżda meta dawn jimplimentaw il-liġi tal-UE biss. Barra minn din iż-żona, l-Istati Membri japplikaw is-sistemi tad-drittijiet fundamentali nazzjonali tagħhom

---

40 Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI, ĠU 2009 L 81, p. 24.

41 QĠUE, C-399/11 *Stefano Melloni vs Ministerio fiscal*, 26.2.2013.

stess. Din hija għażla ċara u konxja magħmula mill-Istati Membri meta fasslu l-Karta u t-Trattat.

L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom imorru lil hinn minn sempliċement jirrispettaw ir-rekwiżiti ġuridiċi li joħorġu mill-Karta. Huma għandhom ikomplu jwettqu d-dmir politiku li jippromwovu kultura ta' drittijiet fundamentali għaċ-ċittadini, l-atturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi kollha. Il-fatt li l-Kummissjoni rċeviet aktar minn 3 000 ittra mingħand il-pubbliku ġenerali fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali jindika li l-individwi huma konxji tad-drittijiet tagħhom u jitolbu li jkunu rispettati. Il-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi tagħhom.